# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 959/09/1 SM**

**Joseph Mamo u b'digriet tal-1 ta' Novembru, 2018 stante l-mewt ta' Joseph Mamo l-atti ġew trasfużi f'isem il-mara tiegħu Ludgarda Mamo**

**v.**

**Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar LL.D.**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimata minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2016, (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet it-talbiet attriċi u sabet lill-istess intimata ħatja ta' mġiba professjonali negliġenti b'mod grossolan li wasslet għad-danni mġarrba

mill-attur, u kkundannat lill-istess intimata tħallas lill-attur is-somma ta' mija u sitta u tmenin elf, tliet mija u erbgħa u disgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€ 186,349.87) bħala danni likwidati minħabba dak in-nuqqas, bl-imgħaxijiet fuq dik is-somma b'seħħ mill-5 ta' Ottubru, 2009, flimkien mal-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża;

2. Il-kawża attriċi tirrigwarda kuntratt ta' għarfien ta' dejn li sar f'Awwissu tal-2004 u li fih jissemma li l-attur kien silef lil wieħed Emanuel Gatt somma flus, liema somma d-debitur kien wiegħed u ntrabat li jroddha lura fi żmien tliet (3) xhur. B'garanzija għall-ħlas tad-dejn, ingħatat lill-attur kreditur ipoteka speċjali fuq post f'Birkirkara. Ġara, iżda, li għall-imsemmi kuntratt deher iben id-debitur bi prokura li jingħad li kienet saret favurih minn missieru f'Jannar tal-2003. Il-prokura kienet turi li saret quddiem in-Nutar appellanti. Imma meta l-attur talab ir-radd lura tas-somma mislufa u wera l-prokura lid-debitur, dan iddikjara li huwa ma kien issellef xejn u li l-firma li kien hemm fuqha ma kienx għamilha hu. Gatt fetaħ kawża kontra ibnu u kontra l-attur biex iwaqqa' kemm il-kuntratt u kif ukoll il-mandati u l-proċeduri li l-attur kien nieda biex jitħallas u jbiegħ il-post ipotekat b'irkant taħt l-awtorita` tal-Qorti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet laqgħet it-talbiet u ħassret il-kuntratt u l-atti kollha tal-bejgħ ġudizzjarju[1]. Ħareġ li meta n-Nutar appellantiiffirmat il-prokura, dan

[1] Ċitazz. Nru. 614/05GCD maqtugħa fis-26.2.2008 (mhux appellata)

kienet għamlitu meta fuq dak id-dokument ma kienx għadha saret il-firma tal-mandant;

3. F’din il-kawża, in-Nutar appellanti laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li l-azzjoni ma setgħetx titressaq billi ma kienx minnu li sar self bejn l-attur u Emanuel Gatt, u li f’kull każ, kien iben Gatt li qarraq bl-attur u għalhekk l-azzjoni messha saret kontra tiegħu billi ma hemm l-ebda rabta bejn il-ħsara li ġarrab l-attur minħabba l-qerq ta’ Christopher Gatt u mhux minħabba l-imġiba tagħha. Hija laqgħet ukoll billi ċaħdet li hija b’xi mod imxiet b’mod negliġenti grossolan u għalhekk ma kellha tagħmel tajjeb għall-ebda danni pretiżi mill-attur. Aktar ’il quddiem, hija qajmet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn tal-azzjoni attriċi taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili[2];

4. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> “*16.0. Illi essenzjalment il-procedura odjerna hi intiza biex ir-rikorrenti jigi ripristinat fid-danni minnhu sofferti rizultat tal-agir allegatament negligenti tan-nutar intimata fejn sintetikament jirrizulta s-segwenti:*
>
>> *“16.1. Illi permezz tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, ir-rikorrenti sellef lil Emanuel Gatt l-ammont ta’ €186,349.87, (senjatament Lm80,000.00), (ara foll 146);*
>>
>> *“16.2. Illi dan l-ammont inghadda lil Christopher Gatt mir-rikorrenti fil-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti stante li l-istess Christopher Gatt deher fl-imsemmi kuntratt ghan-nom ta’ missieru Emmanuel Gatt – munit kif kien bi prokura appozita datata s-16 ta’ Jannar, 2003, biex jaghmel dan (ara foll 148);*

[2] Paġ. 458 tal-proċess

*"16.3. Illi l-prokura in dizamina tirrizulta li kienet iffirmata min-nutar intimata;*

*"16.4. Illi meta r-rikorrenti pproceda kontra Emanuel Gatt ghall-hlas lura tal-ammont hekk minnu lilhu mislufa, r-rikorrenti tilef il-kawza stante li l-qorti annullat il-prokura in dizamina redatta mill-intimata odjerna peress li ma rrizultax li din kienet giet redatta skont il-ligi ghaliex l-istess nutar intimata kienet iffirmat il-prokura vojta biex b'hekk irrizulta debitament assodat li l-firem tal-partijiet ma sarux fil-presenza tan-nutar intimata skont il-ligi, (ara foll 136);*

*"Ikkunsidrat:*

*"17.0. Illi rigward l-eccezzjoni ulterjuri rigward il-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"17.1. Illi l-artiklu 2153 fuq indikat jistabbilixxi li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa` bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn (2);*

*"17.2. Illi f'dan ir-rigward l-artiklu 2137 tal-istess Kap 16 fuq riferit jistabbilixxi li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata;*

*"Ikkunsidrat:*

*"18. Illi f'dan ir-rigward l-intimata ssostni li d-dritt ghall-azzjoni dwar l-allegata negligenza twieldet fil-mument meta giet iffirmata l-prokura de quo, senjatament is-16 ta' Jannar, 2003, (ara foll 150);*

*"19. Illi pero` tali tezi ma tistax tigi avallata minn din il-qorti stante li jirrizulta assodat li r-rikorrenti kien impedit milli jipprocedi bl-azzjoni ghad-danni qabel ma l-fatt de quo seta` jigi gudizzjarjament determinat bil-proceduri inizjati permezz tar-rikors guramentat numru 614/2005 li kkonkludew li l-prokura in mertu ma kinitx valida fil-ligi, (ara sentenza datata s-26 ta' Frar, 2008, a foll 291);*

*"20. Illi sal-mument tas-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti kien naturali li r-rikorrenti kien kostrett jikkonsidra li l-prokura in dizamina kienet wahda valida fil-ligi, haga li giet biss dikjarata li ma kienitx permezz tas-sentenza de quo indikata fil-paragrafu precedenti;*

*"21. Illi ghalhekk kien biss minn dak il-mument 'l quddiem li seta` jibda jiskatta t-terminu biennali indikat fl-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq riferit;*

*"22. Illi allura jirrizulta pacifiku li hu biss mis-26 ta' Frar, 2008, li r-rikorrenti seta` ghalhekk jagixxi kontra n-nutar intimata u jintavola proceduri ghad-danni minnhu hekk subiti;*

*"23. Illi kif ritenut mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Direttur tal-Artijiet vs. Baldacchino et, datata t-30 ta' Novembru, 2011**:*

> *"Anke hawn il-gurisprudenza taghna linearment issostni illi jekk l-ezercizzju tal-azzjoni jiddependi mill-ezitu ta' gudizzju iehor, kif hekk inhu hawn ukoll, il-pendenza ta' dak il-gudizzju l-iehor jikkostitwixxi impediment legittimu ghall-eccezzjoni tad-dritt u jissosspendi l-preskrizzjoni";*

*"Ikkunsidrat:*

*"24.0. Illi fir-rigward tal-fatti fuq esposti jirrizulta ghalhekk is-segwenti:*

> *"24.1. Illi r-rikorrenti odjern seta` jagixxi kontra l-intimata ghad-danni in dizamina biss mid-data tas-sentenza fuq indikata, senjatament is-26 ta' Frar, 2008, (ara foll 291);*
>
> *"24.2. Illi l-procedura odjerna fir-rigward tirrizulta li kienet intavolata fil-5 t'Ottubru, 2009, (ara foll 1);*

*"25. Illi rizultat tal-istess ghandu jkun pacifiku li l-kawza odjerna giet istitwita entro t-terminu biennali stabbilit mill-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq citat;*

*"26. Illi ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-intimat qeghda tigi respinta;*

*"Ikkunsidrat:*

*"27.0. Illi fil-**mertu** jinghad sintetikament is-segwenti:*

> *"27.1. Illi l-procedura odjerna hi essenzjalment indirizzata biex tirradrizza d-danni sofferti mir-rikorrenti stante li rizultat ta' prokura illegali, illegittima u rregolari, hu sellef l-ammont kospikwu fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);*
>
> *"27.2. Illi in effetti tali prokura gia` attirat il-korla giudizzjarja meta ghar-ragunijiet hemm indikati din il-qorti diversament preseduta annullat l-effetti kollha ta' l-istess prokura ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza taghha datata s-26 ta' Frar, 2008, (ara foll 291);*
>
> *"27.3. Illi bis-sahha tal-istess prokura annullata fil-procedura indikata fil-paragrafu precedenti jirrizulta li Christopher Gatt, iben Emanuel, kien deher ghan-nom u in rappresentanza ta' missieru – l-istess Emanuel Gatt fuq riferit – fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat il-5 t'Awwissu, 2004, in atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, (ara foll 146);*

> *"27.4. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li kieku ma kienx ghall-prokura in dizamina, ir-rikorrenti ma kienx isellef l-ammont de quo lil Christopher Gatt, liema self sar biss ghaliex ir-rikorrenti kien qieghed jagixxi taht l-impressjoni zbaljata rizultanti mill-prokura rregolari in dizamina;*

*"Ikkunsidrat:*

*"28. Illi ghandu jkun pacifiku ghalhekk li prokura hi att pubbliku serju u ta' importanza kbira li ma jippermettix agir superficjali u kontra l-ligi, stante li permezz tieghu terz appozitament hemm dikjarat ikun jista` jagixxi f'isem il-mandatarju tieghu;*

*"29. Illi ghalhekk hu l-obbligu tan-nutar redigenti li jizgura li l-firem hemm annessi jigu effettivament iffirmati fil-presenza tieghu, stante li hi biss il-presenza tieghu li tiggustifika l-effetti kollha naxxenti mill-istess;*

*"30. Illi jirrizulta debitament ipprovat mill-istess xhieda tan-nutar intimata fix-xhieda taghha fl-atti tal-kawza Rikors Numru 614/2005, li effettivament hi kienet iffirmat il-prokura in dizamina qabel ma saret il-firma ta' Emanuel Gatt, (ara foll 253) – meta in effetti l-istess nutar kienet obbligata tizgura minflok li l-prokura in dizamina tirrifletti b'mod précis u pedissewku d-dicitura hemm riportata u b'hekk tkun verament qed tafferma l-veridicita` tal-affermazzjoni hemm riportata li l-istess prokura kienet tassew iffirmata quddiemha mill-mandatarju kkoncernat kif hemm hi stess attestat, (ara foll 148);*

*"Ikkunsidrat:*

*"31.0. Illi dak li rrizulta fir-rigward jista` jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:*

> *"31.1. Illi jirrizulta li meta n-nutar intimata imliet il-formola tal-prokura de quo baghtet l-istess formola gia` minnha ffirmata ma' Joseph Gatt, iben l-istess Emanuel fuq gia` indikat, (ara foll 93), biex din tkun tista` tigi ffirmata mhux fil-presenza taghha;*
>
> *"31.2. Illi rizultat tal-istess in-nutara ma kellhiex kontroll fuq min kien ser jiffirma l-prokura de quo u konsegwentement, ma kienitx aktar f'posizzjoni tattesta il-veradicita` ta' dak minnha hemm miktub;*
>
> *"31.3. Illi nonostante s-suespost, ma jirrizultax li l-agir tan-nutar intimata hu rizultat ta' xi agir doluz da parti taghha;*
>
> *"31.4. Illi pjuttost, l-istess hu rizultat ta' familjarita` zejda mall-familja t' Emanuel Gatt u tal-istess Christopher Gatt, (ara foll 427 u 254);*

*"31.5. Illi pero` l-istess agir tan-nutar intimata hekk riskontrat jittradixxi kemm imprudenza kif ukoll imperizja da parti tal-istess nutar intimata fl-ezercizzju tal-professjoni taghha – liema agir kien gia` wkoll gie censurat fis-sentenza tas-26 ta' Frar, 2008, (ara foll 295), fejn hasset il-htiega tissottolinea s-segwenti:*

> *"....illi ma tistax ma tesprimix il-preokkupazzjoni taghha ghall-fatt illi nutar pubbliku mhux biss taghmel l-izball illi tiffirma dokument bjank, izda wkoll, wara li ssir taf illi sar uzu minn dik il-prokura, tkompli tahlef illi saret "b'mod regolari" bla ma tistqar fl-istess waqt illi, minkejja il-firma taghha fuq l-istess prokura, il-firma tal-mandant ma saritx quddiemha", (ara foll 295);*

*"31.6. Illi in sintesi l-istess nutar intimata, tiddikjara li taqbel hi stess kellha d-dover li tara li l-prokura kellha tigi iffirmata quddiemha – u mhux kif effettivament sar, (ara foll 428);*

*"Ikkunsidrat:*

*"32. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti sofra d-danni minnhu allegati stante li s-somma minnhu mislufa fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), giet minnhu hekk mislufa a bazi tal-prokura in dizamina, liema prokura kif redatta minn nutar intimata ma kienitx garantita minn Emanuel Gatt kif hemm allegat;*

*"33. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti alura sab ruhhu f'posizzjoni li ma jistax jirkupra il-flus minnhu hekk mislufa, u dan, tenut kont tal-fatt li l-imsemmi Christopher Gatt, id-debitur, jinsab mahrub minn Malta, (ara foll 292);*

*"Ikkunsidrat:*

*"34. Illi skont l-artiklu 1031 tal-Kap 16 fuq gia` riferit, kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigi bi htija taghha;*

*"35. Illi di piu`, skont l-artiklu 1032 tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti, jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;*

*"36. Illi kif ritenut mill-**Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza fl-ismijiet Xuereb nomine et vs. Nutar Emmanuele Agius datat t-23 ta' Mejju, 1960**:*

> *"Din il-Qorti ma tahsibx li jista` jigi dubitat li l-professjonista li jittraskura l-formalitajiet indispensabbli u perentorji, jew juri negligenzi ohra fl-ezercizzju tal-professjoni jew jirrileva injoranza li mhix perdonabbli u*

*lanqas tista` tigi immaginata fih, fil-kwalita` tieghu, huwa indubbjament, anki skont il-ligi komuni, ikun tenut ghall-attijiet tieghu, l-ghaliex dawk il-fatti jew atti u ommissjonijiet, jistghu u huma b'vigilanza personali, possibbli li jigu evitati";*

*"Ikkunsidrat:*

*"37.0. Illi fid-dawl tas-suespost jirrizulta sintetikament assodat is-segwenti:*

*"37.1. Illi meta n-nutar intimata irrilaxxat il-prokura in dizamina minghajr ma din kienet iffirmata quddiemha mill-mandatarju hemm indikat, hi kienet negligenti fl-ezercizzju tal-professjoni taghha;*

*"37.2. Illi ghandu jkun pacifiku li fl-ezercizzju tal-funzjoni professjonali tieghu nutar pubbliku hu essenzjalment ufficjal pubbliku u f'din il-mansjoni partikolari ghandu ghalhekk l-oneru legali li jimxi skont il-ligi u jevita l-pressapokizmu riskontrat;*

*"37.3. Illi jezisti ness dirett bejn l-agir tal-istess intimata u d-dannu soffert mir-rikorrenti;*

*"37.4. Illi d-dannu hekk soffert mir-rikorrenti jikkonsisti mill-fatt li rizultat tal-istess ir-rikorrenti ma jistax jirkupra l-kreditu tieghu;*

*"37.5. Illi kif ritenut mill-**Qorti ta' l-Appell Civili fl-ismijiet Tufigno vs. Micallef nomine, datata t-23 t'April, 1935**:*

*"... in tema ta' kompensazzjoni ta' danni l-attur ghandu kemm jista` jkun jigi, mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagunata l-hsara";*

*"Ikkunsidrat:*

*"38. Illi finalment jigi sottolineat li l-osservazzjoni tal-intimata li m'hemm l-ebda riferenza ghall-prokura tas-16 ta' Jannar, 2003, fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in dizamina m'ghandha l-ebda rilevanza ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza in dizamina;*

*"39. Illi s-suespost qed jigi hekk sottolineat stante li jirrizulta ampjament assodat li n-Nutar Dottor Pierre Falzon strah fuq il-prokura in meritu lilhu esebita minn Christopher Gatt u kien bis-sahha tal-istess prokura li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in dizamina seta` jigi konkluz kif fil-fatt sar - u dan, a spejjez tar-rikorrenti*";

5. L-intimata ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u b'Rikors imressaq minnha fil-15 ta' Frar, 2016, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti jogħġobha jew (i) tħassarha u tirrevokaha billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet attriċi kollha, jew (ii) tirriformaha billi tvarja l-ammont ta' danni stabbilit u tillikwida minflok somma f'ammont raġonevoli u ġust li jkun "ferm anqas minn dak likwidat" u fuq liema ammont għandu jibda miexi mgħax skont il-liġi minn dakinhar li tingħata s-sentenza finali ta' din il-Qorti. Talbet il-kundanna tal-attur appellat għall-ħlas tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

6. B'Risposta mressqa fl-4 ta' Marzu, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur appellat laqa' għall-imsemmi appell u talab lil din il-Qorti tiċħdu billi tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra n-Nutar appellanti;

7. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-23 ta' Marzu, 2021, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi n-Nutar appellanti qajmet **erba' aggravji** mis-sentenza appellata. Fl-ewwel aggravju hija tilmenta li l-ewwel Qorti ħaddmet b'mod għal kollox ħażin il-preskrizzjoni tas-sentejn li hija kienet eċċepiet dwar l-azzjoni attriċi, filwaqt li bit-tieni aggravju tilmenta mir-rabta diretta li l-ewwel Qorti sabet bejn l-imġiba tagħha bil-ħruġ tal-prokura u l-ħsara li l-attur appellat jgħid li ġarrab. Fit-tielet aggravju tgħid li l-ewwel Qorti naqset li tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1)(ġ) tal-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta meta dehrilha li l-fatt li l-prokura ma ssemmiet imkien fil-kuntratt ta' għarfien tad-dejn ma kienx rilevanti għas-soluzzjoni tal-azzjoni attriċi. Bir-raba' aggravju, in-Nutar appellanti tilmenta mill-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti għaliex tqis li huwa ammont qawwi żżejjed;

10. Illi għar-rigward tal-**ewwel aggravju**, l-appellanti tgħid li laħqu għaddew qrib sitt (6) snin bejn dakinhar li saret il-prokura u l-ewwel att ġudizzjarju maħruġ kontriha f'Lulju tal-2009 li fih intalbet tagħmel tajjeb għad-danni li l-appellat mittent qal li ġarrab minħabba l-mod kif saret. Hija tgħid li ż-żmien tas-sentejn kellu jibda miexi minn dakinhar li saret il-prokura u mhux minn dakinhar li ngħatat is-sentenza fil-kawża li ħassret il-kuntratt, kif qalet l-ewwel Qorti. Hija żżid tgħid li l-appellat ma kellu l-ebda "impediment legali" jew "impediment ta' dritt" li żammu jew xekklu milli jfittixha qabel għad-danni li kieku tassew ried li jagħmel hekk. Hija tisħaq li s-sentenza fil-kawża mibdija minn Emanuel Gatt biex iwaqqa' l-

prokura u jħassar il-kuntratt li sar fuq is-saħħa tagħha (fil-kawża Nru. 614/05GCD) ma ħalaq l-ebda jedd ta' azzjoni kontra tagħha, u dan għaliex jekk kemm-il darba dik is-sentenza sabet li la l-prokura u lanqas il-kuntratt ma kienu jiswew, dan kien ifisser li n-nullita` hekk dikjarata kienet tmur lura għal dakinhar li saret il-prokura jew, fl-agħar ipoteżi, għal dakinhar li kien pubblikat il-kuntratt. Fiż-żewġ każijiet, iż-żmien tas-sentejn preskrizzjoni maħsuba fl-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili kien laħaq għadda sewwa;

11. Illi l-appellat laqa' għal dan l-aggravju billi qal li l-ewwel Qorti mxiet sewwa fil-mod kif warrbet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-appellanti, u kif ukoll minn liema żmien kellha tibda miexja dik il-preskrizzjoni. Jgħid ukoll li, f'kull każ, għall-każ tal-lum il-preskrizzjoni tas-sentejn taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma tgħoddx għaliex, minħabba n-natura tal-għemil tal-appellanti, l-imġiba tagħha kienet tikkostitwixxi reat u mhux aġir delittwali. Huwa jgħid li kien biss mal-għoti tas-sentenza fil-kawża miftuħa minn Emanuel Gatt li seħħet il-ħsara li ġarrab l-appellat u tnissel il-jedd tiegħu ta' azzjoni kontra n-Nutar appellanti, għaliex kien bis-saħħa ta' dik is-sentenza li l-prokura nstab li kienet bla siwi u li, b'konsegwenza ta' hekk, kien bla siwi wkoll il-kuntratt ta' għarfien ta' dejn li sar fuq is-saħħa tagħha u kull proċedura eżekuttiva ta' subbasta li kienet laħqet inbdiet;

12. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq. Huwa minnu li f'kull każ fejn f'kawża titqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li l-Qorti tqis minn meta jkun beda miexi ż-żmien tal-preskrizzjoni li tkun tressqet. Għalhekk, kull żmien bħal dak li jkun invokat irid jinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 2137 tal- Kodiċi Ċivili li jgħid li l-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn meta l-azzjoni tkun setgħet issir bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha dik l-azzjoni tmiss. Il-ħarsien ta' din ir-regola hu wieħed bażiku, tant li jinsab mgħallem illi l-impossibilita` li wieħed jaġixxi trid tkun waħda indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża 'l barra minnu li huwa ma setax ineħħi[3];

13. Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li *actione non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui é nato il diritto o l'azione che é destinata ad estinguere...*"[4]. U band'oħra jżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"[5];

---

[3] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard et noe v. Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.500**)
[4] cfr. <u>*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione*</u> (Cap XII, §364 , paġ. 279).
[5] *Op. cit.* §393-*bis*, paġ 306

14. Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita[6];

15. Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kinitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "*Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* ***Xuereb v Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* **Mohnani v. Stivala***, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu*

[6] App. Ċiv **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)

*spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioé jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("**Raphel Micallef -vs- Anthony Agius**", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("**Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953")*[7]";

16. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-prokura li nħarġet min-Nutar appellanti bla ma kienet iffirmata mill-mandant ma kellha xejn fiha li jġibha ma tiswiex mill-aspett formali tagħha. Hekk ukoll il-kuntratt ta' għarfien ta' dejn li sar fuq is-saħħa tagħha. Kellha tkun is-sentenza mogħtija fil-kawża miftuħa mill-mandant biex twaqqa' is-siwi tal-prokura u ta' dak il-kuntratt li sewwasew iddefiniet qagħda legali ġdida u mhux biss iddikjarat il-pożizzjoni ġuridika eżistenti qabel inbeda l-proċediment. Il-kwistjoni kien ikollha eżitu ieħor li kieku l-prokura kienet att mhux biss null imma ineżistenti[8]. Għalhekk, kien biss bis-saħħa tal-imsemmija sentenza u minn dakinhar li għaddiet f'ġudikat, li tnissel il-jedd tal-appellat li jfittex għall-ħsara li huwa jgħid li ġarrab minħabba n-nuqqas tan-Nutar Appellanti minħabba l-prokura u dak li rriżulta bl-użu tagħha;

[7] App. Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Estates Ltd v. Frank Borda et***

[8] Ara App. Ċiv. **20.7.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Rita Aġius v. Nutar Joseph Vassallo Aġius*** §§ 17 – 9

17. Illi jekk wieħed iqis iż-żmien li għadda bejn meta ngħatat dik is-sentenza u saret ġudikat (Marzu tal-2008) sa ma nfetħet din il-kawża (Ottubru tal-2009), għandu joħroġ ċar li ma laħaqx għadda ż-żmien imsemmi min-Nutar appellanti fl-eċċezzjoni tagħha, ukoll kieku wieħed kellu jsib li l-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ kienet dik taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

18. Illi bit-**tieni aggravju** n-Nutar appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ma messhiex waslet għall-fehma li kien hemm rabta kawżali bejn il-mod kif saret il-prokura u l-ħsara li ġarrab l-appellat bit-tħassir tagħha, tal-kuntratt u tal-atti kollha eżekuttivi li kien laħaq nieda. Hija tisħaq li, f'kull każ, l-appellat kien silef il-flus lil iben Emanuel Gatt żmien qabel ma saret il-prokura u qabel ma kien pubblikat il-kuntratt tal-għarfien tad-dejn, u li l-ħsara li ġarrab l-appellat ġejja mill-qerq li ħaddem Christopher Gatt li nqeda b'isem missieru, u mhux mill-mod kif saret u ntużat il-prokura. Filwaqt li tqis li l-ewwel Qorti naqset li twettaq eżami profond biżżejjed biex tistabilixxi b'mod ċar x'kien li fis-sewwa wassal lill-appellat iġarrab id-danni, in-Nutar appellanti tgħid li l-imsemmija Qorti waqgħet fil-kontradizzjoni li l-ewwel tgħid li l-appellat ma setax aktar jiġbor flusu minħabba l-qerq ta' Christopher Gatt, imbagħad rabtet dik il-qagħda mal-mod kif in-Nutar appellanti fasslet u ħarġet il-prokura favur Emanuel Gatt, li mingħand l-appellat qatt ma kien issellef xejn. L-appellanti tgħid li ma

huwiex sewwa li l-ewwel Qorti ħalliet lill-appellat jippunta s-swaba’ tal-ħtija lejha meta kien qata’ qalbu li jiġbor flusu mingħand id-debitur veru tiegħu – Christopher Gatt – li kien ħarab minn Malta;

19. Illi waqt it-trattazzjoni tal-appell, id-difensur tan-Nutar appellanti ressaq l-argument li l-mod kif inħarġet u kienet iffirmata l-prokura ma setgħet qatt kienet il-kawża prossima tad-dannu li l-appellat jgħid li ġarrab. Huwa qal li s-self mill-appellat kien sar żmien qabel ma sar il-kuntratt tal-għarfien tad-dejn u għalhekk kien jaqa’ fuq l-appellat li juri li kienet tabilħaqq il-prokura li webblitu biex jersaq fuq dak il-kuntratt. Fil-fehma tal-appellanti, ma hemm l-ebda rabta kawżali bejn il-prokura u d-danni reklamati f’qagħda bħal din. Żied jgħid li l-iżball li waqgħet fih l-ewwel Qorti kien li donnha qieset il-kuntratt (ta’ għarfien ta’ dejn) bħallikieku kien kuntratt ta’ self, meta s-self fuq l-idejn kien fil-fatt seħħ żmien qabel;

20. Illi l-appellat iwarrab dan l-aggravju wkoll billi jgħid li l-ewwel Qorti kellha triq waħda biex tiddetermina r-rabta kawżali bejn in-nuqqas ta’ siwi tal-prokura u l-ħsara li ġarrab minħabba f’hekk. Huwa jgħid li l-argumenti ewlenin li tressaq l-appellanti f’dan l-aggravju huma, fil-biċċa l-kbira minnhom, argumenti li ressqet fis-sottomissjonijiet tagħha tal-għeluq quddiem l-ewwel Qorti u liema argumenti dik il-Qorti warrbithom. Iżid jgħid li ma jista’ jkun hemm l-ebda dubju li s-self magħmul minnu lil

Christopher Gatt kien ġej mill-fatt li Gatt kien qiegħed jidher għal missieru bis-saħħa tal-prokura. Dik il-prokura tatu s-serħan il-moħħ li l-ħlas lura tas-somom mislufa kien garantit b'ipoteki fuq ġid ta' Emanuel Gatt. L-appellat iżid jgħid li r-rabta tal-ħtija fl-appellanti ġejja mill-fatt li kien bi ħtija tagħha li naqset mill-għaqal mistenni meta aċċettat li tiffirma l-prokura ba ma kien għadu ffirmaha l-mandant u dan il-fatt waħdu huwa biżżejjed biex iġib fis-seħħ dak li tgħid il-liġi fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Minkejja l-qerq imħaddem minn Christopher Gatt, in-Nutar appellanti ġġorr responsabbilta` solidali miegħu għall-finijiet tal-Artikolu 1050 tal-istess Kodiċi, liema ħtija tagħtih il-jedd li jagħżel li jmexxi l-pretensjonijiet tiegħu kontriha waħedha. Bl-għemil tagħha biss, hija kisret ir-responsabbiltajiet tagħha bħala uffiċjal pubbliku u wkoll billi tat fidi pubblika dwar ir-rieda ta' persuna meta dan ma kienx il-każ;

21. Illi ma hemm l-ebda dubju li, f'azzjoni msejsa fuq il-ħtija akwiljana, jaqa' fuq il-parti mġarrba li turi li hemm rabta bejn l-għemil u l-ħsara li toħroġ minnu[9]. Marbut ma' din ir-regola hemm l-oħra li trid ukoll li tali ħsara tkun l-effett dirett u konsegwenzjali ta' dak l-għemil. Dawn ir-regoli tfissru b'mod ċar mill-awturi meta jgħidu li: "*In a tort action, the defendant cannot be held liable to pay damages for injury or damage suffered by the plaintiff unless that injury or damage was caused by that defendant's tort. This is true of strict tort liability as it is of fault-based tort liability.*

[9] App. Kumm. **11.12.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Laferla v. Palmer noe*** (Kollez. Vol: **LI.i.664**)

*Causation of harm is essential to tort liability because tort law is a set of principles of personal responsibility for conduct. Tort law compensates the injured, but only if someone else was responsible for those injuries; and normally being responsible for injuries requires having caused them. In other words, the tort system is a 'cause-based' compensation system. .. .. .. Generally speaking a person cannot be held liable in tort unless it can be said that 'but for' that person's tort, the plaintiff's loss would not have occurred; or, in other words, that the defendant's conduct was a necessary condition for the plaintiff's loss; or, differently again, that the defendant's conduct caused or contributed to the plaintiff's damage*"[10];

22. Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din il-Qorti tqis li hemm rabta kawżali diretta bejn in-nuqqas ta' siwi tal-prokura u t-tħassir tagħha u l-ħsara mġarrba mill-appellat. Għan-nuqqas ta' siwi tal-prokura taħti n-Nutar appellanti u dwar dan lanqas fl-aggravji tagħha ma tiċħad li l-għemil tagħha li tiffirma prokura qabel ma tkun saret il-firma tal-mandant ma kienx wieħed sewwa. Kien bis-saħħa tar-rabta li kellha dik il-prokura (li kieku nħarġet kif imiss) li l-appellat ingħatatlu garanzija fejjieda għar-radd lura tal-flus li silef, għaliex b'dik il-garanzija kien se jagħmel tajjeb il-ġid tal-mandant, li kieku kien hu li ffirmaha. Għalhekk, hekk kif il-Qorti (fil-kawża miftuħa minn Emanuel Gatt) sabet li dik il-prokura ma kinitx tiswa, u b'hekk ħassret ukoll il-kuntratt tal-għarfien tad-

[10] P Cane <u>*Atiyah's Accidents, Compensation and the Law*</u> (6th Edit.) pp. 91 – 2

dejn, l-appellat tilef kull garanzija li kienet ingħatatlu u, minn hemm 'l hemm, beda jġarrab id-dannu minnu reklamat;

23. Illi, għalhekk, ma kien hemm l-ebda nuqqas ta' raġunament tajjeb fl-ewwel Qorti meta qieset li, bin-nuqqasijiet tan-Nutar appellanti fil-mod tal-ħruġ tal-prokura, intweriet b'mod ċar ir-rabta kawżali bejn l-għemil u l-ħsara riżultanti;

24. Illi għal dawn ir-raġunijiet, lanqas dan l-aggravju ma jirriżulta mistħoqq u mhux se jintlaqa';

25. Illi fit-**tielet aggravju** tagħha n-Nutar appellanti tgħid li l-ewwel Qorti naqset milli tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1)(ġ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta meta warrbet is-sottomissjoni tagħha li l-prokura ma ssemmietx espressament fil-kuntratt tal-għarfien tad-dejn, u għalhekk dik il-Qorti ma setgħetx torbot in-nuqqas tagħha fil-ħruġ tal-prokura mat-tħassir tal-istess kuntratt għaliex, tgħid l-appellanti, la l-prokura ma ssemmietx espressament fil-kuntratt ma tistax titqies li tagħmel parti minnu. Hija tgħaddi biex tagħti sensiela ta' argumenti biex issaħħaħ dan l-aggravju;

26. Illi għal dan l-aggravju l-appellat jgħid dak li jgħodd fil-każ tiegħu hu li huwa straħ fuq is-saħħa tal-prokura biex tħajjar jidher fuq il-kuntratt tal-

għarfien tad-dejn u jingħata l-garanziji u jiftiehem it-termini għall-ħlas lura tal-mutwu. Iżid jgħid li, fis-sentenza mogħtija fil-kawża miftuħa minn Emanuel Gatt, il-Qorti kienet sabet li l-kuntratt kien sar sewwasew għaliex Christopher Gatt kien wera lill-appellat il-prokura maħruġa minn missieru u li, bis-saħħa tagħha, Emanuel Gatt kien se jagħmel tajjeb għad-dejn magħruf favur l-appellat u aċċetta li tinħalaq ipoteka fuq ġid tiegħu b'garanzija għall-ħlas. Isemmi wkoll ix-xhieda nfisha tan-Nutar appellanti u kif ukoll tan-nutar li ppubblika l-kuntratt ta' għarfien tad-dejn li t-tnejn juru li l-prokura ntużat biex seta' sar il-kuntratt u biex ifisser għaliex Christopher Gatt ma kienx qiegħed jidher fuq dak l-att f'ismu, imma f'isem missieru;

27. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti żżid il-fehma tagħha mal-kunsiderazzjonijiet li għamlet dwar it-tieni aggravju. Meta qrat sewwa l-provi rilevanti li jinsabu fl-atti, din il-Qorti sabet li joħroġ ċar ħafna li kemm in-nutar li ppubblika l-kuntratt tal-għarfien tad-dejn u kif ukoll in-Nutar appellanti kienu ċerti li l-prokura ntużat biex sar l-imsemmi kuntratt u li l-ħatra li suppost saret bis-saħħa tagħha kienet riflessa fil-mod kif sar l-għarfien tad-dejn. Jibqa' il-fatt li l-kuntratt ma tħassarx għaliex in-nutar li ppubblikah ma semmiex l-prokura, iżda għaliex Qorti (fis-sentenza mogħtija fil-kawża miftuħa minn Emanuel Gatt) sabet li l-prokura ma kinitx tiswa minħabba l-mod irregolari li bih kienet saret. Għalhekk, l-ewwel Qorti ma setgħetx tinjora dik il-kostatazzjoni li kisbet is-saħħa ta' ġudikat

u tagħlaq għajnejha għar-raġuni ewlenija li wasslet lill-appellat jiftaħ il-kawża tal-lum. Din il-Qorti tifhem li kien minħabba f'hekk li l-ewwel Qorti qieset bħala "irrilevanti" s-sottomissjonijiet tan-Nutar appellanti dwar l-Artikolu 28(1)(ġ) tal-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta, sewwasew għaliex il-kwestjoni tas-siwi tal-kuntratt kienet determinata fil-kawża miftuħa minn Emanuel Gatt;

28. Illi għalhekk it-tielet aggravju wkoll mhux tajjeb u mhux se jintlaqa';

29. Illi bir-**raba' aggravju** tagħha n-Nutar appellanti tilmenta mis-somma likwidata mill-ewwel Qorti bħala danni mġarrba mill-appellat. Hija tgħid li l-ewwel Qorti kienet għarfet li l-ħtija tagħha ma kinitx doluża u li kien il-frott ta' familjarita` żejda mal-familja Gatt. Issemmi erba' (4) ċirkostanzi li, fil-fehma tagħha, jmisshom iwasslu biex is-somma likwidata mill-ewwel Qorti titnaqqas jew titbaxxa b'mod konsistenti. Dawn iċ-ċirkostanzi huma: (i) il-mod li bih kienet intalbet toħroġ il-prokura, b'sens ta' urġenza minħabba li kien hemm bżonn tintuża malajr; (ii) il-ħtija ta' Christopher Gatt li qarraq b'kulħadd billi uża l-prokura b'firma falza; (iii) il-fatt li l-appellat ressaq din il-kawża kontriha għaliex qata' qalbu li jiġbor flusu mingħand il-maħrub Christopher Gatt; u (iv) l-possibilta` li, wara kollox, l-appellat jista' eventwalment jiġbor flusu mingħand Gatt. Fl-aħħarnett, l-appellanti titlob li jekk, fl-agħar ipoteżi, din il-Qorti ma ssibx li hemm raġunijiet biżżejjed biex tnaqqas l-ammont likwidat mill-ewwel

Qorti, l-imgħax fuq dik is-somma jibda miexi minn dakinhar li tingħata s-sentenza ta' din il-Qorti u mhux minn dak il-jum stabbilit mill-ewwel Qorti (jiġifieri l-5 ta' Ottubru, 2009) fis-sentenza appellata;

30. Illi l-appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li l-ħtija tan-Nutar appellanti trid tagħmel tajjeb għall-ħsara kollha mġarrba mill-appellat u dan minħabba li, bin-nuqqas tagħha, intrabtet b'mod solidali wkoll mal-ħsara li l-appellat seta' ġarrab bl-għemil ta' Christopher Gatt meta nqeda bil-prokura falsifikata. Huwa jisħaq li d-dannu li ġarrab jiswa mill-anqas daqs is-somma li silef u li, minħabba t-tħassir tal-prokura, tal-kuntratt u tal-atti eżekuttivi li kien diġa` nieda, tilef il-garanziji tal-ħlas lura tagħha. Huwa jgħid ukoll li l-ewwel Qorti mxiet sewwa meta qatgħetha li l-imgħax fuq is-somma likwidata kellu jibda miexi minn dakinhar li nfetħet il-kawża, ladarba s-somma tal-ħsara mġarrba kienet issemmiet fl-att promotur li bih infetħet il-kawża;

31. Illi <u>dwar l-ammont ta' dannu likwidat</u>, mill-atti jidher li s-somma likwidata mill-ewwel Qorti bħala danni mġarrba mill-appellat hija s-somma mislufa li kienet id-dejn magħruf fil-kuntratt li tħassar. Ma jidhirx li, sa ma ngħatat is-sentenza appellata, kien hemm xi sforzi mtennija mill-partijiet biex jippruvaw id-dannu mġarrab jew biex iċekknuh. Il-biċċa l-kbira mill-isforzi quddiem l-ewwel Qorti kienu marbuta mal-kwestjoni tal-ħtija u tal-kawżalita` li ssemmew qabel. Madankollu, fl-att li bih l-appellat fetaħ il-

kawża, għal darbtejn isemmi s-somma li huwa kien silef u li, bit-tħassir tal-prokura, tal-kuntratt u tal-atti eżekuttivi li kien ressaq, tilef il-possibilita` li jiġbor mingħand min kien iggarantielu l-ħlas lura tagħha. Din il-Qorti ma ssib xejn ħażin li l-ewwel Qorti qieset id-danni mġarrba mill-attur appellat sewwasew f'dik is-somma. Min-naħa l-oħra, l-argumenti tan-Nutar appellanti f'dan l-aħħar aggravju tagħha dwar raġunijiet ta' mitigazzjoni li jwasslu għal tnaqqis tas-somma likwidata ftit li xejn jiswew biex iwasslu lil din il-Qorti li tibdel l-ammont likwidat. Kif sewwa jgħid l-appellat, kien kemm kien moderat is-sehem li l-ħtija tan-Nutar appellanti kellu fuq il-ħsara mġarrba mill-appellat, jibqa' l-fatt li dak is-sehem kien il-kawża ta' dik il-ħsara. U jekk dik il-ħtija seta' kellu sehem fiha ħaddieħor ukoll, din il-Qorti bħall-ewwel Qorti qabilha, ma ngħatatx tagħrif biżżejjed biex tiddetermina min jaħti b'kemm. Ladarba hu hekk, jgħodd dak li jiddisponi l-Artikolu 1050(1) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk in-Nutar appellanti ma tistax tilminta mis-somma likwidata u mill-kundanna tagħha biex tagħmel tajjeb għaliha. Irid jingħad ukoll li n-Nutar appellanti ma talbitx is-sejħa fil-kawża ta' Christopher Gatt[11], jekk hija dehrilha li kien hu li kellu jerfa' xi responsabbilta` għal dak li ġarrab l-attur appellat. Naturalment, fid-dawl ta' dak li jgħid ukoll l-imsemmi artikolu, is-solidarjeta` fil-ħtija dwar kull min seta' kellu xi sehem fil-ħsara mġarrba mill-attur appellat ma għandhiex tkun bi ħsara għal kull jedd ta' rivalsa li n-Nutar appellanti jista' jkollha *si et quatenus* kontra l-imsemmi Gatt;

[11] Ara Art. 1050(2) tal-Kap 16

32. Illi fir-rigward tal-imgħax din il-Qorti tibda biex tosserva li fl-att li bih l-attur appellat fetaħ il-kawża ma saritx talba għall-ħlas ta' imgħaxijiet fuq is-somma li talab li tkun likwidata bħala danni. L-ewwel darba li jissemmew l-imgħaxijiet tidher fin-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur[12]. F'dik l-okkażjoni jgħid li l-imgħaxijiet imisshom jibdew jgħaddu "minn meta ġie intavolat ir-rikors promotur". L-ewwel Qorti mxiet ma' dik is-sottomissjoni. In-Nutar appellanti tillimita l-aggravju tagħha dwar din il-ħaġa fuq iż-żmien minn meta kellu jibda miexi l-imgħax u mhux jekk setax jingħata mgħax ladarba ma kienx hemm talba għalih. Din il-Qorti hija marbuta li f'appell tqis biss dak li l-parti appellanti tressaq bħala aggravju tagħha mis-sentenza appellata;

33. Illi ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attriċi kienet titlob il-likwidazzjoni tad-danni mġarrba, u r-regola hi li f'każ bħal dak l-imgħax jista' jingħata minn dakinhar li ssir il-likwidazzjoni. Iżda għal dik ir-regola hemm xi eċċezzjonijiet, u l-appellat jgħid li l-każ tiegħu kien wieħed minnhom għaliex is-somma li huwa jgħid li tirrappreżenta d-danni li ġarrab isemmiha espressament darbtejn fil-premessi tar-Rikors Maħluf u kienet għalhekk determinabbli faċilment. F'dan ir-rigward, l-appellat għandu raġun għaliex jidher li l-partijiet kollha – u l-ewwel Qorti magħhom – kienu għarfu li d-dannu li ġarrab l-appellat kien jikkonsisti fit-telf tal-ġbir f'waqtu tas-somma li kien silef. L-ewwel Qorti la ħasset il-ħtieġa li taħtar espert

[12] § 12 f'paġ. 448 tal-proċess

biex jgħinha biex tasal għal tali likwidazzjoni u lanqas ma sar xi sforz mill-appellat biex iġib provi lil hinn minn kemm kien l-ammont imħares bil-kuntratt li tħassar;

34. Illi din il-Qorti żgur ma tistax tilqa' is-sottomissjoni tan-Nutar appellanti li l-imgħax fuq is-somma likwidata jmissu jibda miexi mil-lum, u kienet tara xi sura ta' ġustifikazzjoni li kieku talbet li l-imgħax kellu jibda miexi minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata. Iżda, ladarba s-somma likwidata kienet waħda faċilment desumibbli mill-att li bih infetħet il-kawża, ma tarax għalfejn għandha titbiegħed mid-diskrezzjoni mħaddma mill-ewwel Qorti li tordna li l-imgħax jibda miexi minn dakinhar li nfetħet il-kawża;

35. Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li dan ir-raba' aggravju, taħt iż-żewġ aspetti tiegħu, ukoll ma jistħoqqlux jintlaqa';

***Decide:***

36. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-intimata mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet fuq

imsemmija billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u b'hekk tikkonferma għal kollox l-imsemmija sentenza; u

**Tordna** li l-appellanti tħallas **l-ispejjeż taż-żewġ istanzi**.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr